**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali BIRKIRKARA**

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru ~~74~~ 76**

**26 ta' Marzu, 2024**

Il-Kunsill Lokali BIRKIRKARA ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv, fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Joanne Debono Grech – Sindku
Karl Cutajar – Viċi Sindku
John Mizzi – Kunsillier
Marie Claire Zammit Bonello – Kunsillier
Francis Pullicino - Kunsillier
Jimmy JM Calleja – Kunsillier
Rita Borg - Kunsillier
Luke Vella - Kunsillier
Antoine Attard - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Owen Patrick Attard – Kunsillier
Deborah Mifsud - Kunsillier
Kaylocke Buhagiar – Kunsillier
Nancy Aquilina – Kunsillier

**ASSENTI**
Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mandy Farrugia – Segretarju Eżekuttiv

Fil-bidu tal-laqgħa kienu preżenti s-Sindku Joanne Debono Grech, il-Viċi Sindku Karl Cutajar u l-Kunsilliera eletti Marie Claire Zammit Bonello, John Mizzi, Kaylocke Buhagiar, Jimmy JM Calleja, Nancy Aquilina u Francis Pullicino. Il-Kunsillier is-Sa. Rita Borg dahlet fil-laqgħa fis-18:50pm.

## 74.1 Qari ta' l-ittri ta' apoloġiji

74.1.1 Il-laqgħa tal-Kunsill fetħet fis-sitta ta' filgħaxija. Is-Sindku s-Sa Joanne Debono Grech fetħet il-laqgħa bit-talba.

74.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li rċeviet erba' ittri ta' apoloġiji minngħand il-Kunsilliera is-Sa. Deborah Mifsud, is-Sa. Nancy Aquilina, is-Sur Kaylocke Buhagiar u is-Sur Owen Patrick Attard. Il-Kunsill aċċetta l-apoloġiji.

## 76.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti

76.2.1 Il-minuti tal-laqgħa numru 74 ġew imqassma u ttieħdu bħala moqrija.

76.2.2 Fuq proposta tal-Kunsillier is-Sur Jimmy JM Calleja issekondat mill-Kunsilliera s- Sa. Rita Borg, il -minuti tal-laqgħa numru 74 ġew approvati bħala dokumenti korretti.

### 76.3 Matters Arising

***Il-laqgħa bdiet mill-ewwel bid-diskussjoni rigward Used Cooking Oil .***

Fil-bidu tal-laqgħa, preżenti mall-Kunsilliera kien hemm is-Sur Felix Grech li huwa rapprezentant tal- kumpanija AM Brothers Ltd.

Is-Sur Felix Grech spjega li għandhom kaxxi taż-żejt li jistgħu jitpoġġew ħdejn il-Bring in sites biex in-nies jitfgħu l-fliexken biż-żejt tat-tisjir f'dawn il-kaxxi peress li ħafna nies qed jitfgħu ż-żejt fit-toilets.

Intalab biex jittieħed vot mill-kunsilliera dwar min jaqbel fuq il-proposta li jitpoggew il-bins taż-żejt hdejn il-*bring in sites.*

.

Vot Mehud fil-laqgha tal-Kunsill Birkirkara ta' nhar it-Tnejn, 18 ta Marzu 2024.

| Name | Favur | Kontra | Astjeni | Kummenti |
|---|---|---|---|---|
| Joanne Debono Grech – Sindku | X | | | |
| Karl Cutajar – Viċi Sindku | X | | | |
| Antoine Attard - Kunsillier | X | | | |
| Rita Borg - Kunsillier | X | | | |
| John Mizzi – Kunsillier | X | | | |
| Marie Claire Zammit Bonello – Kunsillier | X | | | |
| Jimmy Calleja- Kunsillier | X | | | |
| Francis Pullicino - Kunsillier | X | | | |
| Luke Vella - Kunsillier | X | | | |

**76.4 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

76.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv is-Sa. Mandy Farrugia spjegat li l-Kunsill irċieva cirkolari **CIR/AKL 2024/020 - Kollaborzzjoni ghat-tifi tad-dawl waqt l-attivita tal- Earth hour**. Gie deċiż li l-Kunsill jippartecipa billi jitfi d-dwal tal-Arch.

.

76.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv is-Sa. Mandy Farrugia infurmat li id-dipartiment tal-gvern lokali talab ghal aktar dettalji dwar kif il-Kunsill se jamministra l-fondi. Spjegat li l-perit identifikat l-aktar spots perikolużi u ġie deċiż li bl-ammont limitat li rċieva l-Kunsill, il-prijorità għandha tingħata lill-puġġamani, il-ħajt, il-madum u ftit mis-saqaf.

**76.5 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

76.5.1 Il-Viċi Sindku Karl Cutajar wera l-apprezzament tieghu għall-email li ntbagħtet lil TM dwar Triq San Ġiljan imma talab biex tintbghat tfakkira oħra. Is-Sa. Mandy Farrugia faħħret ix-xogħol li sar s'issa.

76.5.2 Il-Viċi Sindku Karl Cutajar staqsa jekk is-Sur Paul Galea tal-Fondazzjoni tal-Ferroviji ffirmax il-kuntratt. Is-Segretarju Eżekuttiv is-Sa. Mandy Farrugia spjegat li dan għadu ma giex ffirmat u se tintbagħat email mill-avukat.

76.5.3 Il-Viċi Sindku Karl Cutajar qal li l-grada ta' Gnien il-Haddiem hija miksura. Is-Segretarju Eżekuttiv is-Sa. Mandy Farrugia spjegat li diġà saret kommunikazzjoni mal-kuntrattur u qegħdin fil-proċess li l-Kunsill jirċievi kwotazzjoni biex tiġi rranġata

76.5.4 Il-Viċi Sindku Karl Cutajar staqsa jekk il-Kunsill jistax izid lampa oħra tat-triq fi Triq GF Agius de Soldanis. Is-Segretarju Eżekuttiv is-Sa. Mandy Farrugia wiegbet fl-affermattiv u se tinforma lin-nies responsabbli miż-żona.

76.5.5 Il-Kunsillier John Mizzi staqsa jekk kienx hemm xi aġġornament dwar iż-*zebra crossing* fi Triq Ganu. Is-Sindku wieġbet li se tikkuntattja personalment lil persuna kkoncernata minn TM.

76.5.6 Il-Kunsillier is-Sa Rita Borg staqsiet jekk il-Kunsill huwiex infurmat li fi Triq l-Imsida hemm drenaġġ hiereg . Is-Sindku wieġbet li diġà qed tittieħed l-azzjoni necessarja.

76.5.7 Il-Kunsillier Frans Pullicino staqsa jekk kienx hemm pjan biex Triq il- Qasab issir.

76.5.8 Il-Kunsillier is- Sur Jimmy Calleja gharraf li hemm nuqqas ta' dawl qrib il-knisja ta' San Pawl. quddiem il-bar Hefu. Is-Segretarju Eżekuttiv is-Sa. Mandy Farrugia se tinforma lin-nies responsabbli miż-żona.

**76.6 Skemi 2024**

**76.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv is-Sa. Mandy Farrugia tħabbar li ħarġu erba' skemi ġodda;**

**SPI/SCI/02/2024 - Komunitajiet aktar b'saħħithom u inklussivi** li tagħlaq fid-9 t'April. Wara diskussjoni fejn is-Segretarju Ezekuttiv spjegat l-iskema pprezentata u ghalxiex din hija mmirata. Kull kunsillier esprima l-oppinjoni tieghu bil-liberta kollha u gie deciz li l-Kunsill Lokali ta' Birkirkara għandu japplika biex jigi nstallat il-lift fil-Muzew tal-Ferrovija li dan jiswa total ta' € 80,352.10. Minn dan l- ammont ga gie ffinanzjat € 19,016.88 minn fondi tal-UE - ERDF. Minn din l-iskema **SPI/SCI/02/2024** ser napplikaw ghal massimu ta €45,000 incluz il VAT u il- Kunsill huwa obbligat li jaghti kontribut ta 15% mil - fondi tal- kunsill .

**SPI/SCI/04/2024 - Fondi ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Progetti Infrastrutturali u Maġġuri li ġew Imwetqa mill-Gvern Lokali.** Din l-iskema titratta kull proġett li kien jkun għamel il-Gvern u ssir il-manutenzjoni tiegħu. Wara diskussjoni fejn is-Segretarju Ezekuttiv spjegat l-iskema pprezentata u ghalxiex hija mmirata. Kull kunsillier esprima l-opinjoni tieghu bil-liberta kollha u gie deciz li l-Kunsill Lokali ta' Birkirkara japplika għall-*culvert* fi Triq Tumas Fenech. Kienu saru attentati kemm-il darba biex isir il-manutenzjoni mehtieg fuq dan il-*culvert* mill-ħaddiema tal-komunità iżda sfortunatament dan jera' jiġġarraf ftit taz-zmien wara. Peress li din it-triq saret minn Infrastructure Malta l-Kunsill jista' japplika biex jittranga dan il-culvert.

**SPI/SCI/05/2024 - Skema ghall-Attivitajiet Kulturali Annwali u Nazzjonali 2024/2025** li tagħlaq fis-26 ta' Marzu. Il-kunsill iddeċieda li japplika għall-attività ta' Jum Birkirkara peress li se jkunu eletti membri ġodda ta' kunsilliera u din l-attività trid issir fuq bażi annwali. Gie deċiż ukoll li jekk din l-attività ma tistax tiġi ffinanzjata permezz ta' din l-iskema, l-kunsill japplika għall-attività tal-moda ta' Charles and Ron.

**SPI/SCI/06/2024 - Tneddija mill-Gdid tal- Community Inclusive Employment Scheme ( CIES)** li tagħlaq fit-12 t' April. Il-kunsill qabel li għandu japplika għal din l-iskema, biex persuna oħra tkun tista' tibbenefika billi tifhem kif taħdem f'ambjent ta' uffiċċju.

**76.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 76/8 u Petty Cash 76/8.**

**76.7.2 Segretarju Eżekuttiv ressqet l-iskeda ta' pagamenti 76/8.**

Dawn ġew approvati b'mod unanimu fuq mozzjoni mill-Kunsillier is-Sa Rita Borg issekondata mill-Kunsilliera Jimmy Calleja.

**76.7.3 Segretarju Eżekuttiv ressqet l-iskeda Petty Cash 76/8.**

Dawn ġew approvati b'mod unanimu fuq mozzjoni mill-Kunsillier is-Sa Rita Borg issekondata mill-Kunsilliera Jimmy Calleja.

**76.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

76.8.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.30pm u ġiet aġġornata għat-Tnejn 8 ta' April 2024 fis-6pm.

Konfermati, illum 18 ta' Marzu 2023.

IFFIRMATI
Joanne Debono Grech
Sindku

Mandy Farrugia
Segretarju Eżekuttiv

Owen

Rita Borg Rita.